**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 74** **1 ta' Frar, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-1 ta' Frar, fil-5 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **74.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-17:03. |
| | |
| **74.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Il-Viċi Sindku Elenia Desira pproponiet u l-Kunsillier Stephen Caruana ssekonda l-minuti tal-laqgħa 73. |
| | |
| **74.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 74.3.1 | Is-Sindku qal li fit-3 ta' Jannar saret laqgħa ma' WSC (Water works). Kellimhom rigward Triq Santa Katerina sabiex isiru dranaġġi fuq iż-żewg naħat mill-lewwel, iżda huma oġġezzjonaw u qalu li ħa jagħmlu naħa waħda biss. Riedu li jneħħu t-*turf* in-naħa tal-Magħluq, iżda sar qbil li t-*turf* jibqa' hemm u jagħtu l-konkos taħtu. Dan minħabba li kull nhar ta' Tnejn iridu jnaddfu l-fossa. |
| 74.3.2 | Fil-25 ta' Jannar saret laqgħa ma' Infrastructure Malta dwar xi ilmenti. Is-sindku propona li għalissa tiġi posposta li ssir Triq l-Arznell u propona li qabel isiru Triq Lepanto, Triq ix-Xini u Triq il-Ġifen, li jibqgħu sejrin sa Triq il-Bimbu u Triq Morris Bonnici, biex ukoll fl-istess waqt tiġi rranġata culvert tal-ilma. Għandhom jiġu jagħmlu spezzjoni tal-Infrastructure Malta u jaraw jistgħux isiru dawn it-toroq.<br><br>Is-Sindku Grech tkellem magħhom ukoll rigward ir-roundabout li tagħti lejn Triq Tas-Silġ, fejn infurmawh li din ser issir ukoll.<br><br>Is-Sindku informa lill-Kunsill li Triq Melqart fejn hemm bżonn jerġa' jsir ser jagħtuha t-tarmak Infrastructure Malta. |
| 74.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ilu żmien jipprova jirranġa l-bozza ta' Triq iċ-Ċiċerun, għax ilha mitfija xhur, imma għalkemm ilna nibagħtu u applikajna aktar minn xahrejn ilu, sa issa għadha mhux approvata mill-Enemalta. |
| 74.3.4 | Ġiet talba mill-Istitut tal-Energija Sostenibbli li jinsab fi Triq il-Barrakki, biex jagħmlu ċ-Charging Pillars. Il-Kunsill qabel li c-*charging pillars* isiru quddiem il-grada prinċipali tal-Istitut fejn għandhom il-parkeġġ riservat tagħhom u mhux jittieħed parkeġġ ieħor. |
| 74.3.5 | Premju Ġieħ l-Artiġjanat – Ħarġet skema *Awarding Artisan Products*, li hija kompetizzjoni li jistgħu jirbħu ammont ta' flus, din is-sena fetħet ukoll għall-għaqdiet tal-festi. Il-Kunsill qabel li tintbagħat email lill-għaqdiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa rigward dan. |

74.3.6

Is-Sindku informa wkoll li kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tragward il-Monti ta’ fost il-ġimgħa. Irridu nibagħtu ittra lid-Dipartiment u nimxu minn hemm ħalli jiggwidawna aħjar huma.

74.3.7

Monti tal-Ħadd: Is-Sindku Grech informa li ġew tas-Sanità l-Ħadd iduru l-Monti u anke r-ristoranti dwar is-separazzjoni tal-iskart. Is-Sindku ppropona li nerġgħu nitkellmu magħhom u li l-kaxxi jibdew jintremew fiż-żona tagħhom waranofsinhar.

74.3.8

**Latrina ta’ fejn l-iskuna.**
Is-Segretarja talbet għall-votazzjoni.
*Taqblu li l-latrina ta’ faċċata Torri Vendome tiġi magħluqa sakemm tiġi rranġata u sadanittant jibdew ix-xogħlijiet minn ġewwa. Taqblu wkoll li għandu jkun hemm toilet* *<u>inklussiv (għal min għandu twemmin reliġjuż ieħor) fil-latrina l-ġdida?</u>*

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

74.3.9

**Żejt tal-Hard Standing**
Bi qbil mas-Segretarja Parlamentari Alicia Bugeja Said li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jiġbru t-tankijiet iż-żgħar li jkun hemm fiż-żona ta’ fejn jintrema’ ż-żejt u jbattluhom fil-*hardstanding*. Dawn imbagħad ser jiġu mbattla mid-Dipatiment tas-Sajd. IBC cans ħa jitneħħew u jibdew jitqiegħdu f’*jerrycans* ġewwa l-istruttura li hemm. Dwar dan ser issir tabella. Min iħalli l-cans barra ħa jiġi mmultat.

74.3.10

**Port Ruman**
Id-dawl tal-arbli qed ikollhom il-ħsara minħabba l-bejtiet tal-għasafar.
Iridu jiġu rranġati l-bozoz tal-ġnien tal-Port Ruman u tiġi rranġata l-gazebo żgħira u msaqqfa, aktarx bl-injam. Dan se jsir mill-fondi tal-UIF.

74.3.11

**Sqaq Bużbieżi**
Sqaq Bużbieżi ħa napplikaw mal-UIF u r-Reġjun biex nieħdu l-fondi kollha. Issa l-fondi tal-UIF qegħdin marbutin kollha għall-binja li kienet fil-ħsieb tal-Kunsill, u biex nagħmlu Sqaq Bużbieżi u l-imsemmi tiswija fil-Port Ruman irridu nieħdu ammont minnu u l-kumplament irid jintrabat.

Is-Segretarja talbet għall-votazzjoni.
*Taqblu li jiġi rilaxxat l-ammont li hemm bżonn biex isiru xogħlijiet fil-ġnien ta’ Port Ruman u fi Sqaq Bużbieżi mill-fondi tal-UIF?*

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

<table>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>74.3.12</td><td>Irċivejna ittra bl-avukat ta’ ritorn ta’ posta tal-monti. Intbagħtet ittra lid-Dipartiment tal-commerce u qed nistennew risposta biex naraw nistgħux nieħdu din il-posta lura.</td></tr>
<tr><td>74.3.13</td><td>L-Għana f’Jum San Girgor ser isir f’post wieħed. Irridu niddeċiedu liema post ser isir, hekk hux fejn ta’ snin ta’ qabel jew fejn propona Stephen Caruana fil-laqgħa preċidenti. Il-Kunsill qabel unanimament li ser issir bħas-snin ta’ qabel.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>74.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>74.4.1</td><td>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar il-Bus Shelters jekk hux f’idejn il-Kunsill lew le. Is-Sindku qal li kien hemm kawża l-Qorti fuq din il-ħaġa.<br><br>Ta’ Triq Melqart u Triq it-Trunċiera qegħdin jippruvaw biex isiru. Is-Sindku qal li kellem lis-Sur Fava biex jgħin ħalli jsiru dawn is-shelters.</td></tr>
<tr><td>74.4.2</td><td>Il-kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar is-servizz ta’ trasport minn Buġibba lejn Marsaxlokk u minn Tas-Sliema għal Marsaxlokk, jistgħux jerġgħu jibdew joperaw. (Numri 427 u 627). Dawn kienu diġà talbu għalihom.<br><br>Ittieħed vot jekk jaqblux li dawn jerġgħu jibdew joperaw?<br><br><table><tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr><tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr><tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr><tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr><tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr><tr><td></td><td></td><td></td><td></td></tr></table></td></tr>
<tr><td>74.4.3</td><td>Il-Viċi Sindku Desira staqsiet dwar Triq Ġorġ Gravina tistax issir Communial Parking Bay. Is-Sindku wieġeb li iva.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll għandhiex tiċċaqlaq il-Communial parking ta’ Triq San Franġisk minħabba li mhux qiegħda tintuża kif suppost. Is-Sindku qal li fi Triq San Franġisk għandu jsir infurzar fuq min jipparkja fuq Communial Bay bla permess.</td></tr>
<tr><td>74.4.4</td><td>Triq San Franġisk fil-kantuniera hemm bankina għandha sprall, il-kuntrattur li kien imqabbad biex jagħmel it-triq, ġie mwaqqaf minn sid ta’ ħanut.<br>Ser tintbagħat ittra lill-kuntrattur u wkoll lil min waqqaf ix-xogħol.<br><br>Triq il-Galjazz hemm katusi mikxufin ser jibagħtu lis-sid u lil min waqqaf ix-xogħol ukoll.</td></tr>
<tr><td>74.4.5</td><td>Triq Beatu Bartolo Lungo. Għaddew aktar minn 60 ġurnata li ttieħdet l-aħħar deċiżjoni u allura ser tittieħed deċiżjoni oħra dwar il-parkeġġ.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | Taqblu li jsiru żewġ karreġġjati fin-nofs tat-triq Beatu Bartolo Lungo; li tkun waħda minnhom tipparkja 24 siegħa li tkun ta' kulur abjad tħares lejn Triq il-Fellukka, filwaqt li l-oħra ta' kulur aħdar li tħares lejn Triq Ċiċerun tkun mit-8pm sas-7am? |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Kulħadd jaqbel u li ssir bi prova għal 3 xhur.

| | |
|---|---|
| | |
| **74.5** | **Sejħa għal ħaddiema ġdida – Skala 16** |
| | Għandha tinħareġ sejħa għal-impjegat bħala Council Assistant fi Skala 16? |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | | X | |
| Elenia Desira | | X | |
| Stephen Caruana | | X | |
| Daniel Zerafa | | X | |

It-talba għal ħaddiem/a ġdid/a ġiet miċħuda b'mod unanimu bejn il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| | |
| **74.6** | **Servizz ta' IT għar-Residenti Xlukkajri** |
| | Servizz ta' IT b'xejn lil-kull resident ta' Marsaxlokk għal sena sħiħa, li jkun ikopri formatting, antivirus u servizzi oħra b'xejn bla limitu. Il-Kunsilliera ġew mistoqsija jekk jaqblux? |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Vot unanimu bejn il-kunsillera.

| | |
|---|---|
| | |
| **74.7** | **Planning Authority** |
| 74.7.1 | (PA/132/24) L-Għajn daħlet l-applikazzjoni u għadha fil-proċess.<br>Torri Vendome dieħla l-applikazzjoni għal Marzu 2024. |
| 74.7.2 | (PA/290/23) Ħa jsiru pillars ta' New Water fi Triq it-Torri u Triq iż-Żejtun. |

| | |
|---|---|
| 74.7.3 | Irridu nistaqsu lill-Perit fuq PC/42/23 jekk hemmx xi aġġornament, u dwar l-appell PC/2/22 (Permess - lukanda).<br>Is-Sindku qal li dwar il-windfarm kellem lill-Kooperattiva. |
| | |
| **74.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Dawn ġew approvati. Proponent Elenia Desira u sekondant Daniel Zerafa. |
| | |
| **74.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 74 ġiet fit-tmiem, wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 4 ta' Marzu, 2024.

**IFFIRMATA**

__________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

__________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

__________________________

***Sekondant***